Minuti tal-wieħed u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| Assenti | |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1484 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 30 (tkompli 1) li saret fil-12 ta' April u l-laqgħa numru 30 (tkompli 2) li saret fit-18 ta' April 2011.

**Item 2 Mill-Minuti**

1485 *(para. 1325)* L-awditur ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kuntratt tal-iskart domestiku u kummerċjali. Il-Kunsill qabel li jiffirma il-kuntratt waħdu mal-KIP Għawdex u mhux ser joqgħod jistenna lill-Kunsilli l-oħra biex il-kuntratt jiġi iffirmat flimkien.

1486 *(para. 1449)* Rigward id-delineazzjoni tal-ħajt tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid ma' proprjeta' ta' John Grima, id-Dipartiment tal-Artijiet fl-aħħar għamel il-*Caution*. Joseph Attard, il-kuntrattur tal-bini ġie mitlub inaddaf it-terrapien li hemm imiss mal-bini. Il-bini tal-ħajt għandu jinbeda.

1487 *(para. 1476)* Sar kuntatt mal-Electro Waste Malta Ltd. dwar il-ġbir ta' ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Huma għandhom jiktbulna fejn jagħtu iktar informazzjoni.

1488 *(para.1452)* Dwar l-applikazzjoni tal-wesgħa ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus ġejna nfurmati li l-proċess tad-devoluzzjoni tal-art qed tiġi pproċessata.

1489 *(para. 1473)* Il-Premju Ġieħ Sannat ingħata lil Shaun Bajada.

1490 *(para. 1378)* Dwar l-applikazzjoni tal-bozza ta' Triq Gerxija għandu jiġi vverifikat jekk is-sid tal-*farmhouse* jaċċettax li l-arblu jitpoġġa mal-ħajt tal-proprjeta' tiegħu.

1491 *(para.1459)* Dwar il-librerija lokali ġejna nfurmati li rridu nagħmlu xi xogħol biex is-sistema tkun tista' tiġi komputerizzata u l-kotba jkunu kollha *online*. Irridu nivverifikaw kemm hemm kotba biex naraw x'hemm xogħol extra.

1492 *(para. 1461)* Saret laqgħa mal-Greenpak fejn il-Kunsill ġie nfurnat li ser jerġgħu jingħataw il-boroż il-ħodor lir-residenti. Huma qalu li l-persentaġġ previst ta' ġbir ta' skart separat ma ntlaħaqx. Għandu jsir sforz sabiex il-ġbir tal-iskart separat jitla' għal 33%.

1493 *(para. 1477)* Saret laqgħa oħra mal-Paying Agency dwar il-Measure 313 u Measure 323. Dawn iridu jagħmlu *Promotion campaign*. Il-Managing Authority ser tiffinanzja l-*artwork* u l-*printing* fuq il-*board* li titpoġġa f'post prominenti fil-lokal. Il-Kunsill irid isib post u jġib l-permess tal-Transport Malta. Dawn is-signs ser ikunu ta' 2m x 2m. Il-Kunsill irid joħroġ €460. Il-Kunsill għandu jara fejn ser titpoġġa din il-board. L-aħħar *bilateral meeting* sar fis-6 ta' Mejju 2011. Rigward l-applikazzjoni għand il-MEPA, Measure 323 ġejna nfurmati li dawn ikkonsultaw mal-KNPD.Il-Bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-Measure 323 għal restawrazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ iltaqa'. Dan kellu xi diffikultajiet li ġew ikkjjarifikati mad-Dipartiment tal-kuntratti. Il-bord għandu jerġa' jiltaqa'.

1494 *(para.1482)* Tkompliet id-diskussjoni tal-Budget għas-sena 2011. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Budget irid jiġi finalizzat għaliex ma jistx ikun li ma jiġix approvat għall-fatt li ġa qiegħdin f'nofs is-sena finanzjarja. Il-Bank of Valletta nfurmawna li l-garanzija li kien hemm fuq il-loan ser titneħħa. Is-Sindku qal li dan sar bil-għajnuna ta' Joe Cordina mal-manager tal-bank. Ix-xogħol ta' manutenzjoni tnaqqas għal €10,240. L-għoti tat-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju ser jitħalla għas-sena 2012 minħabba raġunijiet finazjarji. Is-Sindku qal li din it-triq għandha tingħata prijorita u x-xogħol fuqha għandu jibda fil-bidu tas-sena 2012, waqt li din is-sena jinħarġu t-tenders. Il-Kunsillier Teddy Bajada ma qabilx li din it-triq titħalla għas-sena 2012 għar-raġuni li din kienet ġiet approvata s-sena l-oħra li din trid issir fis-sena 2011.

**Item 3 Korrispondenza**

1495 Memo 32/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Numru 25420.

1496 Memo 33/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Numru 25421.

1497 Memo 34/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-monitoraġġ tal-użu tas-sistema tal-customer care.

1498 Memo 35/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-sit elettroniku tad-Dipartiment dwar Memos aktar Aċċessibli.

1499 Memo 36/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar rapporti pubbliċi fuq il-www.lc@gov.mt

1500 Memo 37/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar template tal-iskeda tal-ħlasijiet.

1501 Memo 38/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-50 Anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm Psaila.

1502 Memo 39/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar playing fields tal-Kunsilli Lokali b'tagħmir li jista' jkun perikoluż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagħ tefa l-applikazzjoni tal-kompetizzjoni billi għamel proġett mudell ta' kif għandu jkun il-playing field speċjalment is-sistema elettrika.

1503 Memo 40/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru 25834.

1504 Memo 41/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ għall-impjegati tal-libreriji pubbliċi.

1505 Memo 42/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru 24460.

1506 Memo 43/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar lis-Skemi ta' Finanzjament Speċjali għas-sena 2011.

1507 Memo 44/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet Lifelong Learning.

1508 Memo 45/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 25950.

1509 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ninfurmawhom f'hiex wasal ix-xogħol fuq kull triq li kienu approvati fl-iskema tal-PPP għat-toroq residenzjali.

1510 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet il-programm tal-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li ser issir bejn 20 u l-21 ta' Mejju 2011. Dawn id-dokumenti huma:

Dokument dwar il-Valletta 2018 Foundation
Dokument dwar il-Playing Fields
Programm tal-laqgħa.

1511 Il-Parroċċa tal-Munxar talbu l-permess għal ħruq tat-nar tal-ajru fil-festa. Il-Kunsill qabel li dan il-permess jingħata bil-kundizzjonijiet bħal tas-sena l-oħra li huma skont is-*site plan* ipprovduta mill-Parroċċa tal-Munxar, bil-kundizzjoni li kollox jkun skont ir-regolamenti tal-pulizija, speċjalment id-distanza mir-residenzi. Għandha ssir spezzjoni fuq il-post u l-madwar, inkluż l-iskola u l-grawnd tal-futbol ta' Sannat għal xi murtali mhux sparati sabiex jinġabru. L-ispezzjoni fl-iskola għandha ssir qabel ma jidħlu t-tfal fl-iskola primarja ta' Sannat. Il-Kumitat tan-Nar, il-kappillan tal-Munxar u/jew il-persuni li huma responsabbli mill-permess tal-ħruq tan-nar iridu jagħmlu tajjeb għal danni li jistgħu isofru terzi persuni, inkluż wara l-ħruq tan-nar. Għandha ssir dikjarazzjoni bil-miktub lill-Kunsill li jaċċettaw dawn il-kundizzjonijiet u kopja tagħha għandha tiġi mehmuża mal-permess. Il-Kunsillier Teddy Bajada iddikjara li hu ma jaqbilx għaliex id-distanza mhix tajba kif qed tinħadem. Din trid tinħadem bil-kumpass minn erbgħa t'irjieħ differenti.

1512 Ittra mingħand l-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex fejn talbu lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex li b'konsultazzjoni u bi qbil mal-Onorevoli Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentarli għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokoli u Konsultazzjoni sejjer jitfakkar għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex b'esibizzjoni ta' ritratti u dokumenti

SANNAT

relattivi mal-Kunsill. Il-Kunsilli Lokali qed jintalbu joħorġu €65 kull wieħed għal dawn il-kartolini bl-armi tal-belt, tal-lokalitajiet u tal-kommunitajiet kollha ta' Għawdex. Il-Kunsill approva li jinħarġu dawn il-flus.

1513 Ittra mibgħand Claudette Abela Baldaccino dwar il-programm Konfini fuq One TV li ser jixxandar disa' edizzjonijiet. Dan jista' jsir għall-prezz ta' €1,000. Il-Kunsill għandu jivveifika f'hiex jikkonsisti dan il-programm.

1514 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għalqet in-negozzjati tagħha dwar il-Group Health Insurance Policy tal-Kunsilli Lokali.

1515 Cirkulari mill-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xiri, informazzjoni u pubbliċita relatati mal-proġetti finanzjati fl-iskemi tal-Eco Gozo mill-Kunsilli Lokali.

1516 Il-Kunsill tal-Malti bagħat ittra dwar l-ismijiet tal-lokalitajiet f'Għawdex fosthom dwar dak ta' Sannat li dan għandu jkun Ta' Sannat u mhux Sannat.

1517 Ittra mill-BodyForge dwar il-Wellness package. Hu talab li ssir laqgħa għall-komunita'.

1518 Ittra mingħand Lucienne Said fejn staqsiet jekk l-Kunsill għandux xi opportunita' ta' xogħol fil-qasam ta' *child care* għal matul is-sajf.

1519 Ittra mingħand is-Sinnet Folk Group fejn talbu laqgħa mas-Sindku dwar il-possibbiltajiet li jikkordinaw ma' gruppi Folkloristiċi oħrajn kemm fil-gżejjer tagħna kif ukoll fl-Europa.

**Item 4. Tender u Kwotazzjonijiet**

1520 **Skeda tal-Kwotazzjoni Nru. 01/2011**

Kwotazzjoni għal formazzjoni tal-ħofra tax-xaft tal-lift fl-uffiċċji l-ġodda tal-Kunsill ta' Sannat.

Data tal-għeluq id-29 ta' April 2011 f'nofs inhar.

| Nru. | Kuntrattur | Ammont € |
|---|---|---|
| 1. | Mario Buġeja | 1,204.00 |
| 2. | Charlie Borg | 750.00 |
| 3. | Pius Attard | 416.54 |
| 4. | Peter Paul Said | 870.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Pius Attard għaliex kienet l-irħas waħda.

SANNAT

1521 **Kwotazzjoni Nru. 02/2011**

Kwotazzjoni għal bdil tal-burdura tal-funtana bir-*reinforced concrete* f'Ta' Sannat.

Data tal-għeluq id-29 ta' April 2011 f'nofs inhar.

| Nru. | Kuntrattur | Ammont € |
|---|---|---|
| 1. | Mario Buġeja | 1,576.00 |

Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni kienet għolja ħafna. Il-kunsillier Joe Bajada ippropona li jintgħażel bennej mil-lokal sabiex jagħmel ix-xogħol.

1522 **Skeda tal-Kwotazzjonijiet**

Kwotazzjonijiet għat-tneħħija ta' terrapien fi Triq tal-Lewż limiti Ta' Sannat

Data tal-għeluq 12 ta' Mejju 2011 f'nofs inhar

| Nru. | Kuntrattur | Ammont € |
|---|---|---|
| 1. | Joseph Magro | 967.00 |
| 2. | Carmel Attard | 636.00 |
| 3. | Pius Attard | 404.74 |
| 4. | Peter Paul Said | 570.00 |
| 5. | Lorry Attard | 640.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Pius Attard għaliex kienet l-irħas waħda.

1523 **Schedule of Tender**

**Tender No. 02/2011**

Tender for Street Resurfacing with hot rolled asphalt under the Public Private Partnership Scheme in Triq Falkun, part of Triq l-10 ta' Ottubru 1942 and part of Triq Pisoniano.

Closing date 25th April 2011 at noon

| Tender No | Name of Contractor | | Total Amount (€) |
|---|---|---|---|
| 1 | Gatt Tarmac Ltd. | | |
| | Triq Falkun | Resurfacing works | 38,767.37 |
| | Part of Triq il-l-10 ta' Ottubru | Resurfacing works | 30,537.94 |
| | Part of Triq Pisoniano | Resurfacing works | 21,436.86 |
| | | Total | 90,742.17 |
| **2** | Road Construction Ltd. | | |
| | Triq Falkun | Resurfacing works | 39,130.37 |
| | Parti minn Triq il-l-10 ta' Ottubru | Resurfacing works | 31,647.09 |
| | Parti minn Triq Pisoniano | Resurfacing works | 22,145.29 |
| | | Total | 93,145.29 |

Dawn iż-żewġ offerti huma iktar mid-doppju tal-istima tal-perit li kienet ta' €40, 016. Il-Kunsill ma għandux flus biex iħallas dan l-ammont esaġerat ta' flus li qed jintalab. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Segretqarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar din il-materja.

**Item 5. Materja Oħra**

1524 Is-Sindku semma li l-ħajt ta' taħt il-platform tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini għandu bżonn jiġi rranġat. Manuel Tabone Direttur għat-Turiżmu u l-Ekonomija fil-Ministeru għal Għawdex qal lis-Sindku li hemm ħsieb li fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini jitpoġġa *removable toilet* u li dan jitħallas nofs bin-nofs mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu u l-Ambjent dwar l-istat tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

1525 Rigward il-patching ta' toroq għandha tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għall-għoti tal-patching, inġenji u ħaddiema biss. Għall-materjal għandha tintuża l-kwotazzjoni ta' Gatt Tarmac Ltd.

1526 Salvu Buttigieg għandu jitqabbad jaħrat il-playing field għaliex hu kollu ħaxix.

1527 Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntatt tal-Avukat Grazzio Mercieca bħala konsulent legali tal-Kunsill għal sena oħra.

Il-Kunsill approva l-kuntratt tal-Perit Edward Scerri għal sena oħra għar-raġuni li għandu ħafna proġetti mibdija u jrid jispiċċa x-xogħol tagħhom bir-responsabiltajiet kollha li jirrikjedu dawn il-proġetti.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item 6. Ilmenti**

1528 Toni Mercieca ilmenta dwar bank imkisser fi Triq Xabbata faċċata ta' dar Triq Dun Xand Aquilina quddiem ta' Paulina Grima.

1529 Ilment mingħand Brian Zammit biex isiru *double yellow lines* ħdejn l-entratura ta' St. Margaret Court, Triq Paranji għaliex bl-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat ta' triq qed isibuha diffiċli biex jimmanuvraw biex joħorġu mill-garaxx. Dawn is-sinjali ġa saru mit-Transport Malta mingħajr ma kien jaf il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Transport Malta fejn jiġi mitluba jagħtu spjegazzjoni ta' kif saru dawn id-*double yellow lines* mingħajr ma kien approvat mill-Kunsill.

1530 Ilment li irċeviet Marlene Muscat rigward il-ħaxix u ħmieġ fi Triq ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sannat Lions F. C. ser jintalbu stima għal qtugħ tal-ħaxix fi Triq Mġarr ix-Xini. F'każ li ma jkunux interessati għandhom jintalbu stimi separati għal dan ix-xogħol.

**Item 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

1531 Gew approvati li-pagamenti skond Skeda Nru. 15. li hi annessa mal-minuti

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |